Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' Diċembru 2018 (OR. en)**

**13024/18**

**Fajl Interistituzzjonali: 2016/0337(CNS)**

**FISC 418**
**ECOFIN 902**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru dok. Cion: | 13730/16 FISC 170 IA 99 - COM(2016) 685 final |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva (BKTK)<br>– Sitwazzjoni attwali |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness it-test ta' kompromess l-aktar reċenti tal-Presidenza dwar il-proposta BKTK, Kapitoli I sa V, imsemmi fir-rapport tal-ECOFIN lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa (dokument 14601/18).

2016/0337 (CNS)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**dwar Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

(…)

# KAPITOLU I

# SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

*Suġġett*

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi sistema ta' bażi komuni għat-tassazzjoni ta' ċerti kumpanniji u tistipula regoli għall-kalkolu ta' dik il-bażi.

2. Kumpannija li tapplika r-regoli ta' din id-Direttiva għandha tieqaf milli tkun soġġetta għal-liġi tat-taxxa korporattiva nazzjonali fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha regolati minn din id-Direttiva, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor f'din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

*Kamp ta' applikazzjoni*

1. Ir-regoli ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għal kumpannija li hija stabbilita skont il-liġijiet ta' Stat Membru, inklużi l-istabbilimenti permanenti tagħha fi Stati Membri oħrajn, fejn il-kumpannija tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) tieħu waħda mill-forom ta' kumpanniji elenkati fl-Anness I;

(b) tkun soġġetta għal waħda mit-taxxi korporattivi elenkati fl-Anness II jew għal taxxa simili li tiddaħħal wara;

(c) [tkun tagħmel parti minn grupp ikkonsolidat għall-finijiet ta' kontabilità finanzjarja bi dħul totali tal-grupp ikkonsolidat ta' aktar minn EUR 750 000 000 matul is-sena finanzjarja ta' qabel is-sena finanzjarja rilevanti;

(d) tikkwalifika bħala kumpannija omm jew kumpannija sussidjarja li tikkwalifika kif imsemmija fl-Artikolu 3 u/jew ikollha stabbiliment permanenti wieħed jew aktar fi Stati Membri oħrajn kif imsemmi fl-Artikolu 5].

2. Id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal kumpannija li tkun stabbilita skont il-liġijiet ta' pajjiż terz fir-rigward tal-istabbilimenti permanenti tagħha li jinsabu fi Stat Membru wieħed jew aktar fejn il-kumpannija tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-punt[i] (b) [sa (d)] tal-paragrafu 1.

Fir-rigward ta' jekk kumpannija tissodisfax il-kundizzjoni tal-punt (a) fil-paragrafu 1, għandu jkun biżżejjed li l-kumpannija f'pajjiż terz ikollha forma simili għal waħda mill-forom ta' kumpannija fl-Anness I. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tadotta annwalment lista ta' forom ta' kumpanniji ta' pajjiżi terzi li huma simili għall-forom ta' kumpanniji elenkati fl-Anness I. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 68(2). Il-fatt li forma ta' kumpannija ta' pajjiż terz mhijiex inkluża f'dik il-lista ma għandux jipprekludi l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għal dik il-forma.

[3. Kumpannija li tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, iżda li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tal-punti (c) u/jew (d) ta' dak il-paragrafu, tista' tagħżel, inkluż għall-istabbilimenti permanenti tagħha li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, li tapplika r-regoli ta' din id-Direttiva għal perijodu ta' ħames snin tat-taxxa. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż awtomatikament għal termini suċċessivi ta' ħames snin tat-taxxa, sakemm ma jkunx hemm avviż ta' terminazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 65(3). Il-kundizzjonijiet taħt il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 għandhom jiġu ssodisfati kull darba li sseħħ l-estensjoni.]

4. Ir-regoli ta' din id-Direttiva ma għandhomx japplikaw għal kumpannija tat-tbaħħir taħt reġim tat-taxxa speċjali għal dan is-settur. [Kumpannija tat-tbaħħir taħt is-sistema tat-taxxa speċjali għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni għall-fini tad-determinazzjoni tal-kumpanniji li huma membri tal-istess grupp kif imsemmi fl-Artikolu 3.]

[5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 66 sabiex temenda l-Annessi I u II bil-għan li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-bidliet fil-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-forom ta' kumpanniji u t-taxxi korporattivi.]

*[Artikolu 3*

*Kumpannija omm u sussidjarji kwalifikanti*

1. Kumpannija sussidjarja li tikkwalifika tfisser kull kumpannija sussidjarja immedjata u ta' livell aktar baxx fejn il-kumpannija omm ikollha d-drittijiet li ġejjin:

   (a) ikollha dritt li teżerċita iżjed minn 50 % tad-drittijiet tal-vot; u

   (b) ikollha dritt ta' sjieda li jammonta għal iżjed minn 75 % tal-kapital tal-kumpannija sussidjarja jew tkun tippossjedi iżjed minn 75 % tad-drittijiet li jagħtu dritt għall-profitt.

2. Sabiex jiġu kkalkolati l-livelli limiti msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' kumpanniji sussidjarji ta' livell aktar baxx, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) ladarba jintlaħaq il-livell limitu tad-drittijiet tal-vot fir-rigward ta' kumpannija sussidjarja, il-kumpannija omm għandha titqies li għandha 100 % ta' dawn id-drittijiet;

(b) id-dritt għall-profitt u s-sjieda tal-kapital għandhom jiġu kkalkolati billi jiġu mmultiplikati l-interessi miżmuma, direttament u indirettament, fil-kumpanniji sussidjarji f'kull livell. Id-drittijiet tas-sjieda li jammontaw għal 75 % jew inqas miżmuma direttament jew indirettament mill-kumpannija omm, inklużi d-drittijiet f'kumpanniji residenti f'pajjiż terz, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fil-kalkolu.]

*Artikolu* 4

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "kontribwent" tfisser kumpannija li tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 2(1) jew (2), jew li għażlet li tapplika r-regoli ta' din id-Direttiva skont l-Artikolu 2(3);

(2) "mhux kontribwent" tfisser kumpannija li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 2(1) jew (2) u li ma għażlitx li tapplika r-regoli ta' din id-Direttiva skont l-Artikolu 2(3);

(3) "kontribwent residenti" tfisser kontribwent li jkun residenti fi Stat Membru għall-finijiet ta' taxxa;

(4) "kontribwent mhux residenti" tfisser kontribwent li ma jkunx residenti fi Stat Membru għall-finijiet ta' taxxa;

(5) "dħul" tfisser ir-rikavat mill-bejgħ jew minn kwalunkwe tranżazzjoni oħra, wara li titnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud u taxxi u dazji oħrajn miġbura f'isem aġenziji governattivi, kemm ta' natura monetarja kif ukoll ta' natura mhux monetarja, inkluż ir-rikavat mid-disponimenti ta' assi u drittijiet, imgħax, dividendi u distribuzzjonijiet oħrajn ta' profitti, inkluż distribuzzjonijiet ta' profitt moħbi, kontribuzzjonijiet moħbija, rikavati minn likwidazzjonijiet, royalties, sussidji u għotjiet, rigali riċevuti, kumpens u ħlasijiet ex gratia. Id-dħul għandu jinkludi wkoll ir-rigali mhux monetarji minn kontribwent. Id-dħul ma għandux jinkludi l-ekwità miksuba mill-kontribwent jew id-dejn imħallas lura lilu;

(6) "spejjeż" tfisser tnaqqis fl-ekwità netta tal-kumpannija matul is-sena tat-taxxa fil-forma ta' ħruġ jew tnaqqis fil-valur tal-assi jew fil-forma ta' rikonoxximent jew żieda fil-valur tal-obbligazzjonijiet, għajr dawk relatati ma' distribuzzjonijiet monetarji jew mhux monetarji lil azzjonisti jew sidien tal-ekwità fil-kapaċità tagħhom bħala tali;

(7) "perijodu tat-taxxa" tfisser kwalunkwe perijodu ta' tnax-il xahar jew kwalunkwe perijodu ieħor applikabbli għal finijiet ta' taxxa mhux itwal minn tnax-il xahar;

(8) "profitt" tfisser eċċess ta' dħul fuq l-ispejjeż deduċibbli u elementi deduċibbli oħrajn f'sena tat-taxxa;

(9) "telf" tfisser eċċess ta' spejjeż deduċibbli u ta' elementi deduċibbli oħrajn fuq id-dħul f'sena tat-taxxa;

(10) "grupp ikkonsolidat għall-finijiet ta' kontabilità finanzjarja" tfisser l-entitajiet kollha li huma inklużi b'mod sħiħ fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati mfassla skont l-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju jew sistema nazzjonali ta' rapportar finanzjarju;

(10a) "distribuzzjoni ta' profitt moħbi" tfisser kull benefiċċju ekonomiku mhux żvelat bħala distribuzzjoni ta' profitt, li l-kontribwent jipprovdi lil persuni msemmija fl-Artikolu 14 u li ma jkunx ipprovda lil terzi persuni indipendenti u li twassal għal tnaqqis fil-profitti;

(11) ["riċerka u żvilupp" tfisser xogħol sperimentali jew teoretiku magħmul primarjament sabiex jinkiseb għarfien ġdid tas-sisien sottostanti ta' fenomeni u fatti osservabbli, mingħajr ma tkun prevista xi applikazzjoni jew użu partikolari (riċerka bażika); investigazzjoni oriġinali mwettqa sabiex jinkiseb għarfien ġdid, iżda indirizzata primarjament lejn għan jew objettiv prattiku u speċifiku (riċerka applikata); ħidma sistematika, ibbażata fuq l-għarfien miksub minn riċerka u esperjenza prattika u li tipproduċi għarfien addizzjonali, li hija maħsuba sabiex tipproduċi prodotti jew proċessi ġodda jew sabiex ittejjeb il-prodotti jew il-proċessi eżistenti (żvilupp sperimentali);]

(12) "kostijiet tas-self" tfisser l-ispejjeż tal-imgħax fuq kull tip ta' dejn, kostijiet oħra ekonomikament ekwivalenti għall-imgħax u l-ispejjeż imġarrba b'rabta mal-ġbir ta' finanzi, kif definiti fil-liġi nazzjonali, inklużi ħlasijiet taħt self bi dritt ta' parteċipazzjoni fil-profitti, l-imgħax imputat fuq bonds konvertibbli u bonds mingħajr kupuni, ħlasijiet taħt arranġamenti ta' finanzjament alternattivi, l-elementi tal-kost tal-finanzi ta' ħlasijiet ta' lokazzjoni finanzjarja, l-imgħax kapitalizzat inkluż fil-valur tal-karta bilanċjali ta' assi relatat, l-amortizzament tal-imgħax kapitalizzat, l-ammonti mkejla b'referenza għal redditu ta' finanzjament skont regoli dwar l-ipprezzar tat-trasferiment, l-ammonti ta' imgħax nozzjonali skont strumenti derivattivi jew arranġamenti ta' ħheġġjar relatati mas-self ta' entità, ir-rendiment definit fuq iż-żidiet fl-ekwità netta kif imsemmi fl-Artikolu 11 ta' din id-Direttiva, ċerti profitti mill-kambju u telf fuq self u strumenti marbuta mal-ġbir tal-finanzi, tariffi ta' garanzija għall-arranġamenti ta' finanzjament, tariffi tal-arranġamenti u kostijiet simili relatati mas-self ta' fondi;

(13) "kostijiet tas-self eċċedenti" tfisser l-ammont li bih il-kostijiet tas-self deduċibbli ta' kontribwent jaqbżu d-dħul mill-imgħax taxxabbli u dħul taxxabbli ieħor li l-kontribwent jirċievi u li huma ekonomikament ekwivalenti għad-dħul mill-imgħax;

(14) "trasferiment tal-assi" tfisser operazzjoni li permezz tagħha Stat Membru jitlef id-dritt li jintaxxa l-assi ttrasferiti, filwaqt li l-assi jibqgħu taħt is-sjieda legali jew ekonomika tal-istess kontribwent;

(15) "trasferiment tar-residenza tat-taxxa" tfisser operazzjoni li permezz tagħha kontribwent ma jibqax residenti fi Stat Membru għall-finijiet ta' taxxa, waqt li jikseb residenza tat-taxxa fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz;

(16) "trasferiment ta' attività eżerċitata minn stabbiliment permanenti" tfisser operazzjoni li permezz tagħha kontribwent ma jibqax ikollu preżenza taxxabbli fi Stat Membru waqt li jikseb tali preżenza fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz mingħajr ma jsir residenti f'dak l-Istat Membru jew f'pajjiż terz għall-finijiet ta' taxxa;

(17) "valur għall-finijiet tat-taxxa" tfisser il-bażi għad-deprezzament ta' assi fiss jew grupp ta' assi, bit-tnaqqis tad-deprezzament totali mnaqqas;

(18) "valur tas-suq" tfisser l-ammont li għalih assi jista' jiġi skambjat jew l-obbligi reċiproċi jistgħu jiġu saldati bejn partijiet disposti u mhux relatati fi tranżazzjoni diretta;

(19) "assi fissi" tfisser l-assi tanġibbli miksuba jew maħluqa mill-kontribwent u l-assi intanġibbli miksuba fejn dawn ikunu kapaċi jiġu stmati b'mod indipendenti u li jintużaw, jew ikunu mistennija li jintużaw fin-negozju għall-produzzjoni, għall-manutenzjoni jew għall-assigurazzjoni tal-introjtu għal aktar minn 12-il xahar, ħlief meta l-kost tal-akwiżizzjoni jew tal-kostruzzjoni tagħhom ikun inqas minn EUR 1 000. L-assi fissi għandhom jinkludu wkoll l-assi finanzjarji, bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmuma għan-negozjar skont l-Artikolu 21;

(20) "assi finanzjarji" tfisser ishma f'intrapriżi assoċjati u self lilhom, kif imsemmija fl-Artikolu 56 ta' din id-Direttiva, interessi ta' parteċipazzjoni kif definiti fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], self lil impriżi li magħhom il-kontribwent huwa marbut permezz ta' interessi ta' parteċipazzjoni, investimenti miżmuma bħala assi fissi, self ieħor u ishma proprji sal-punt li l-liġi nazzjonali tippermetti li dawn ikunu jidhru fil-karta bilanċjali;

[1] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

(21) "kost tal-akwiżizzjoni jew tal-kostruzzjoni" tfisser l-ammont ta' flus kontanti jew ekwivalenti ta' flus imħallsa jew pagabbli jew il-valur ta' assi oħrajn mogħtija fi skambju għal jew ikkonsmati sabiex jiġi akkwistat assi tanġibbli fiss fil-ħin tal-akwiżizzjoni jew tal-kostruzzjoni tiegħu. Fil-każ ta' assi intanġibbli fissi, għandhom jiġu inklużi biss il-kostijiet tal-akkwiżizzjoni;

(22) "assi tanġibbli fissi ta' ħajja twila" tfisser assi tanġibbli fissi b'ħajja utli ta' 15-il sena jew aktar. Il-bini, l-inġenji tal-ajru u l-vapuri għandhom jitqiesu bħala assi tanġibbli fissi ta' ħajja twila;

(23) "assi tanġibbli fissi ta' ħajja medja" tfisser assi tanġibbli fissi li ma jikkwalifikawx bħala assi tanġibbli fissi ta' ħajja twila skont il-punt 22 u li għandhom ħajja utli ta' tmien snin jew aktar;

(23a) "assi tanġibbli fissi ta' ħajja qasira" tfisser assi tanġibbli fissi li ma jikkwalifikawx bħala assi tanġibbli fissi ta' ħajja twila jew medja skont il-punti 22 u 23 u li għandhom ħajja utli ta' anqas minn tmien snin;

(24) "assi użati" tfisser assi fissi b'ħajja utli li tkun ġiet parzjalment eżawrita meta ġew akkwistati u li jkunu adatti għal użu ulterjuri fl-istat preżenti tagħhom jew wara tiswija;

(25) "ħajja utli" tfisser il-perijodu li għalih assi huwa mistenni li jkun disponibbli għall-użu jew l-għadd ta' unitajiet tal-produzzjoni jew unitajiet simili li kontribwent huwa mistenni li jikseb mill-assi;

(26) "kostijiet għat-titjib" tfisser kwalunkwe nefqa addizzjonali fuq assi fiss li sostanzjalment iżżid il-kapaċità tal-assi jew sostanzjalment ittejjeb il-funzjonament tiegħu jew li tirrappreżenta aktar minn 10 fil-mija tal-bażi inizjali għad-deprezzament tal-assi;

(27) "ħażniet u xogħol fl-idejn" tfisser l-assi għall-bejgħ, fil-proċess ta' produzzjoni għall-bejgħ jew fil-forma ta' materjali jew provvisti biex jiġu kkonsmati fil-proċess tal-produzzjoni jew fl-għoti ta' servizzi;

(28) "sid ekonomiku" tfisser il-persuna li sostanzjalment tirċievi l-benefiċċji kollha u ġġorr ir-riskji kollha marbuta ma' assi fiss, irrispettivament minn jekk dik il-persuna tkunx is-sid legali. Kontribwent li jkollu d-dritt li jippossjedi, juża u jiddisponi minn assi fiss u jġorr ir-riskju tat-telf jew tal-qerda tiegħu għandu fi kwalunkwe każ jitqies bħala s-sid ekonomiku;

(29) "impriża finanzjarja" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn l-entitajiet li ġejjin:

(a) istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], AIFM kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], jew kumpannija maniġerjali kif definita fil-punt (b) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4];

(b) impriża tal-assigurazzjoni kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5];

(c) impriża tar-riassigurazzjoni kif definita fil-punt (4) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE;

---

2 Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

3 Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

4 Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

5 Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

(d) istituzzjoni għal provvista ta' rtirar okkupazzjonali kif definita fil-punt (a) tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], sakemm Stat Membru ma jkunx għażel li ma japplikax dik id-Direttiva kompletament jew parzjalment għal dik l-istituzzjoni skont l-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva, jew id-delegat ta' istituzzjoni għal provvista ta' rtirar okkupazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/41/KE;

(e) istituzzjoni tal-pensjonijiet li jħaddmu skemi ta' pensjonijiet li jikkwalifikaw bħala skemi tas-sigurtà soċjali koperti mir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] u mir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8], kif ukoll kwalunkwe entità legali mwaqqfa għall-fini ta' investiment f'dawn l-iskemi ta' pensjonijiet;

(f) AIF kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE, li jiġi ġestit minn AIFM kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE, jew AIF issorveljat skont il-liġi nazzjonali;

(g) UCITS kif definit fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(h) CCP kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9];

---

6 Id-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali (ĠU L 235, 23.9.2003, p. 10).

7 Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 200, 7.6.2004, p. 1).

8 Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

9 Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

(i) depożitorju ċentrali tat-titoli kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10];

(30) "entità" tfisser kwalunkwe arranġament legali biex jitwettaq negozju permezz ta' kumpannija jew ta' struttura li hija trasparenti għall-finijiet tat-taxxa;

(31) "diskrepanza ibrida" tfisser sitwazzjoni bejn kontribwent u intrapriża assoċjata jew arranġament strutturat bejn il-partijiet f'ġurisdizzjonijiet tat-taxxa differenti fejn kwalunkwe wieħed mill-eżiti li ġejjin huma attribwibbli għal differenzi fil-karatterizzazzjoni legali ta' strument finanzjarju jew entità finanzjarja, jew it-trattament ta' preżenza kummerċjali bħala stabbiliment permanenti:

(a) tnaqqis tal-istess pagament, spejjeż jew telf mill-bażi taxxabbli jseħħ kemm fil-ġurisdizzjoni fejn il-pagament għandu s-sors tiegħu, l-ispejjeż ikunu saru jew it-telf jiġġarrab kif ukoll fil-ġurisdizzjoni l-oħra ("tnaqqis doppju");

(b) tnaqqis ta' pagament mill-bażi taxxabbli fil-ġurisdizzjoni fejn il-pagament għandu s-sors tiegħu mingħajr inklużjoni korrispondenti għal finijiet ta' taxxa tal-istess pagament fil-ġurisdizzjoni l-oħra ("tnaqqis mingħajr inklużjoni");

(c) fil-każ ta' differenzi fit-trattament ta' preżenza kummerċjali bħala stabbiliment permanenti, nontassazzjoni tal-introjtu li għandu s-sors tiegħu f'ġurisdizzjoni mingħajr inklużjoni korrispondenti għal finijiet ta' taxxa tal-istess introjtu fil-ġurisdizzjoni l-oħra ("nontassazzjoni mingħajr inklużjoni").

Diskrepanza ibrida tirriżulta biss sal-punt li l-istess pagament imnaqqas, spejjeż imġarrba jew telf imġarrab f'żewġ ġurisdizzjonijiet jaqbżu l-ammont ta' introjtu li jiġi inkluż fiż-żewġ ġurisdizzjonijiet u li jista' jiġi attribwit lill-istess sors.

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).

Diskrepanza ibrida tinkludi wkoll it-trasferiment ta' strument finanzjarju taħt arranġament strutturat li jinvolvi lil kontribwent fejn ir-redditu sottostanti fuq l-istrument finanzjarju trasferit huwa trattat għal finijiet ta' taxxa bħala derivat simultanjament minn aktar minn waħda mill-partijiet għall-arranġament, li huma residenti għal finijiet ta' taxxa f'ġurisdizzjonijiet differenti, li jagħti lok għal kwalunkwe wieħed mill-eżiti li ġejjin:

(a) tnaqqis ta' pagament konness mar-redditu sottostanti mingħajr inklużjoni korrispondenti għal finijiet ta' taxxa ta' tali pagament, sakemm ir-redditu sottostanti ma jkunx inkluż fl-introjtu taxxabbli ta' waħda mill-partijiet involuti;

(b) kumpens mit-taxxa minn ras il-għajn fuq pagament derivat mill-istrument finanzjarju ttrasferit għal aktar minn waħda mill-partijiet involuti;

(32) "arranġament strutturat" tfisser arranġament li jinvolvi diskrepanza ibrida fejn id-diskrepanza hija pprezzata fit-termini tal-arranġament jew arranġament li tfassal biex jipproduċi eżitu ta' diskrepanza ibrida, ħlief jekk il-kontribwent jew intrapriża assoċjata ma setgħux jiġu raġonevolment mistennija jkunu konxji tad-diskrepanza ibrida u ma kkondividewx fil-valur tal-benefiċċju tat-taxxa li jirriżulta mid-diskrepanza ibrida;

(33) "liġi tat-taxxa korporattiva nazzjonali" tfisser l-istatut ta' Stat Membru li jipprovdi għal waħda mit-taxxi elenkati fl-Anness II.

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 66 sabiex jiġu stipulati definizzjonijiet ta' aktar kunċetti.

*Artikolu 5*

*Stabbiliment permanenti fi Stat Membru ta' kontribwent li huwa residenti għal finijiet ta' taxxa fl-Unjoni*

1. Kontribwent għandu jitqies li għandu stabbiliment permanenti fi Stat Membru għajr l-Istat Membru fejn huwa residenti għal finijiet ta' taxxa meta jkollu post fiss f'dak l-Istat Membru l-ieħor minn fejn huwa jmexxi kompletament jew parzjalment in-negozju tiegħu, inkluż b'mod partikolari:

(a) post ta' ġestjoni;

(b) fergħa;

(c) uffiċċju;

(d) fabbrika;

(e) ħanut tax-xogħol;

(f) minjiera, bir taż-żejt jew tal-gass, barriera jew kwalunkwe post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali.

2. Sit tal-bini jew proġett ta' kostruzzjoni jew ta' installazzjoni għandu jikkostitwixxi stabbiliment permanenti biss jekk idum aktar minn tnax-il xahar.

3. It-terminu "stabbiliment permanenti" ma għandux jinkludi l-attivitajiet li ġejjin, dment li tali attivitajiet ikunu l-attività globali tal-post fiss tan-negozju fil-każ tal-punt (f) tkun, ta' karattru awżiljarju jew preparatorju:

(a) l-użu ta' faċilitajiet għall-iskop uniku ta' ħażna, wiri jew kunsinna ta' prodotti jew merkanzija proprjetà tal-kontribwent;

(b) iż-żamma ta' ħażna ta' prodotti jew merkanzija proprjetà tal-kontribwent għall-iskop uniku ta' ħażna, wiri jew kunsinna;

(c) iż-żamma ta' ħażna ta' prodotti jew merkanzija proprjetà tal-kontribwent għall-iskop uniku tal-ipproċessar minn persuna oħra;

(d) iż-żamma ta' post fiss tan-negozju għall-iskop uniku ta' xiri ta' prodotti jew merkanzija għall-kontribwent jew ta' ġbir ta' informazzjoni għall-kontribwent;

(e) iż-żamma ta' post fiss tan-negozju għall-iskop uniku tat-twettiq ta' kwalunkwe attività oħra għall-kontribwent;

(f) iż-żamma ta' post fiss tan-negozju għall-iskop uniku ta' kwalunkwe kombinazzjoni ta' attivitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (e).

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, meta persuna tkun qed taġixxi fi Stat Membru f'isem kontribwent u, meta tagħmel dan, abitwalment tikkonkludi kuntratti, jew abitwalment ikollha r-rwol prinċipali li jwassal għall-konklużjoni ta' kuntratti li jiġu konklużi regolarment mingħajr ebda modifika materjali mill-kontribwent, il-kontribwent għandu jitqies li għandu stabbiliment permanenti f'dak l-Istat Membru fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa minn dik il-persuna għall-kontribwent.

Il-kuntratti taħt l-ewwel subparagrafu għandhom jiġu konklużi:

(a) f'isem il-kontribwent, jew

(b) għat-trasferiment tas-sjieda ta', jew għall-għoti tad-dritt għall-użu ta' proprjetà tal-kontribwent jew li l-kontribwent għandu d-dritt li juża, jew

(c) għall-forniment ta' servizzi mill-kontribwent.

L-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandhomx japplikaw jekk l-attivitajiet ta' dik il-persuna jkunu awżiljarji jew preparatorji kif imsemmi fil-paragrafu 3 biex b'hekk, jekk jiġu eżerċitati minn post fiss ta' negozju, ma jrendux dan il-post fiss ta' negozju fi stabbiliment permanenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dak il-paragrafu.

5.

(a) Il-paragrafu 4 ma għandux japplika meta l-persuna li taġixxi fi Stat Membru f'isem kontribwent twettaq negozju f'dak l-Istat Membru bħala aġent indipendenti u taġixxi għall-kontribwent matul il-kors ordinarju ta' dak in-negozju. Madankollu, meta persuna taġixxi esklużivament jew kważi esklużivament f'isem kontribwent wieħed jew aktar li miegħu/magħhom hija "relatata mill-qrib", dik il-persuna ma għandhiex titqies bħala aġent indipendenti skont it-tifsira ta' dan il-paragrafu fir-rigward ta' dawn il-kontribwenti.

(b) Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, persuna hija "relatata mill-qrib" ma' kontribwent jekk wieħed ikun jippossjedi, direttament jew indirettament, dritt li jeżerċita aktar minn 50 % tad-drittijiet tal-vot fl-ieħor jew dritt ta' sjieda li jammonta għal aktar minn 50 % tal-kapital tal-ieħor jew aktar minn 50 % tad-drittijiet li jagħtu dritt għal profitt.

6. Il-fatt li kontribwent li jkun residenti għal finijiet ta' taxxa fi Stat Membru jikkontrolla, jew ikun ikkontrollat minn, kontribwent li jkun residenti għal finijiet ta' taxxa fi Stat Membru ieħor jew iwettaq negozju f'dak l-Istat Membru l-ieħor (kemm permezz ta' stabbiliment permanenti jew mod ieħor), ma għandux minnu nnifsu jfisser li kwalunkwe wieħed mill-kontribwenti huwa stabbiliment permanenti tal-ieħor.

# KAPITOLU II

# KALKOLU TAL-BAŻI GĦAT-TAXXA

*Artikolu 6*

*Prinċipji ġenerali*

1. Fil-kalkolu tal-bażi għat-taxxa, il-profitti u t-telf għandhom jiġu rikonoxxuti biss meta jiġu rrealizzati.

2. It-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti taxxabbli għandhom jitkejlu b'mod individwali.

3. Il-kalkolu tal-bażi għat-taxxa għandu jitwettaq b'mod konsistenti sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw bidla fil-mod kif isir il-kalkolu.

4. Il-bażi għat-taxxa għandha tiġi kkalkolata għal kull sena tat-taxxa sakemm ma jkunx previst mod ieħor.

5. Il-bażi għat-taxxa għandha tiġi determinata abbażi ta' regoli nazzjonali tal-kontabilità, sakemm dawn ikunu kompatibbli mar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva.

6. Ir-regoli ta' din id-Direttiva ma jżommux lill-Istati Membri milli japplikaw is-sistemi nazzjonali ta' tassazzjoni ta' gruppi inkluż is-sistema ta' tassazzjoni separata għal entità li tippermetti t-trasferiment tal-profitti jew il-kapaċità tal-imgħax. Meta kontribwent ikun permess jew mitlub li jaġixxi f'isem grupp, kif definit fir-regoli ta' sistema nazzjonali ta' tassazzjoni ta' gruppi, il-grupp kollu għandu jiġi ttrattat bħala kontribwent.

*Artikolu 7*

*Elementi tal-bażi għat-taxxa*

1. Il-bażi għat-taxxa għandha tiġi kkalkolata bħala d-dħul, bid-dħul eżentat, l-ispejjeż deduċibbli u elementi deduċibbli oħrajn imnaqqsa.

[2. Alternattivament, il-bażi għat-taxxa tista' tiġi kkalkulata bħala d-differenza bejn l-ammont riportat tal-assi tan-negozju (netti) fit-tmiem tas-sena tat-taxxa u l-ammont riportat ta' assi tan-negozju (netti) fi tmiem is-sena tat-taxxa preċedenti, flimkien mal-valur ta' kwalunkwe ħlas lura ta' kapital nominali u distribuzzjonijiet tal-profitti u li minnhom titnaqqas kull żieda għall-assi tan-negozju magħmula skont il-liġi korporattiva, sakemm ir-riżultat ikun l-istess bħall-kalkolu taħt il-paragrafu 1. Il-kalkolu għandu jsir fl-osservanza tar-regoli dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul, dwar it-tnaqqis tal-ispejjeż, dwar ir-rikonoxximent u l-valwazzjoni u d-deprezzament, kif stabbiliti f'din id-Direttiva.]

*Artikolu 8*

*Dħul eżentat*

Id-dħul li ġej ma għandux jinkludi l-bażi għat-taxxa:

(a) sussidji direttament marbuta mal-akwiżizzjoni, il-kostruzzjoni jew it-titjib ta' assi fissi, li huma soġġetti għal deprezzament skont l-Artikoli 30 sa 40;

(b) ir-rikavati mid-disponiment tal-assi miġbura msemmija fl-Artikolu 37(2), inkluż il-valur tas-suq ta' rigali mhux monetarji;

(c) il-qligħ minn disponiment tal-ishma, bil-kundizzjoni li l-kontribwent ikun żamm parteċipazzjoni minima ta' 10 % fil-kapital jew ta' 10 % tad-drittijiet tal-vot tal-kumpannija matul it-12-il xahar ta' qabel id-disponiment, bl-eċċezzjoni tal-qligħ li jirriżulta minn disponiment tal-ishma miżmuma għan-negozjar kif imsemmi fl-Artikolu 21(3) u tal-ishma miżmuma minn impriżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja skont il-punt (b) tal-Artikolu 28;

(d) id-distribuzzjonijiet tal-profitti riċevuti, inkluż id-distribuzzjonijiet ta' profitti moħbija bil-kundizzjoni li l-kontribwent ikollu parteċipazzjoni minima ta' 10 % fil-kapital jew ta' 10 % tad-drittijiet tal-vot tal-kumpannija responsabbli mid-distribuzzjoni għal perijodu mhux interrott ta' mill-inqas 12-il xahar, bl-eċċezzjoni tad-distribuzzjonijiet tal-profitti mill-ishma miżmuma għan-negozjar kif imsemmi fl-Artikolu 21(4) u d-distribuzzjonijiet tal-profitti riċevuti mill-impriżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja skont il-punt (c) tal-Artikolu 28;

(e) l-introjtu ta' stabbiliment permanenti riċevut mill-kontribwent fl-Istat Membru fejn il-kontribwent huwa residenti għal finijiet ta' taxxa.

*Artikolu 9*

*Spejjeż deduċibbli*

1. L-ispejjeż għandhom ikunu deduċibbli biss sal-punt li jkunu mġarrba fl-interess tal-operat dirett tal-kontribwent.

2. L-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-kostijiet kollha tal-bejgħ u l-ispejjeż kollha, wara li titnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud deduċibbli, li jkun ġarrab il-kontribwent bil-għan li jikseb jew jassigura l-introjtu, inklużi l-kostijiet għar-riċerka u l-iżvilupp u l-kostijiet imġarrba fil-kisba tal-ekwità jew tad-dejn għall-finijiet tan-negozju.

[3. Barra minn hekk l-ammonti li huma deduċibbli bħala kostijiet għar-riċerka u l-iżvilupp skont il-paragrafu 2 u dment li l-kontribwent ma jibbenefikax, direttament jew indirettament, minn kwalunkwe benefiċċju fi kwalunkwe forma mogħtija minn xi Stat Membru fil-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, fir-rigward ta' tali kostijiet ta' riċerka u żvilupp, il-kontribwent jista' jnaqqas ukoll, għal kull sena tat-taxxa, 50 % addizzjonali ta' dawn il-kostijiet bl-eċċezzjoni tal-kostijiet relatati mal-assi msemmija fil-punti (c), (d), u (e) tal-Artikolu 33(1) u (c), (d) u (e) tal-Artikolu 33(2) li jkun ġarrab matul dik is-sena.

Sal-punt li l-kostijiet għar-riċerka u l-iżvilupp jilħqu aktar minn EUR 20 000 000, il-kontribwent jista' jnaqqas 25 % tal-ammont eċċessiv.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-kontribwent jista' jnaqqas [100%] addizzjonali mill-kostijiet tiegħu għar-riċerka u l-iżvilupp sa EUR 20 000 000 meta dak il-kontribwent ikun jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) huwa intrapriża mhux elenkata b'inqas minn 50 impjegat u b'fatturat annwali u/jew b'total tal-karta bilanċjali annwali li ma jaqbiżx l-EUR 10 000 000;

(b) ma kienx irreġistrat għal aktar minn ħames snin. Jekk il-kontribwent ma jkunx soġġett għal reġistrazzjoni, il-perijodu ta' ħames snin jista' jitqies li jibda fil-mument li l-intrapriża tibda l-attività ekonomika tagħha jew inkella tkun responsabbli li tħallas it-taxxa fuqha;

(c) ma jkunx iffurmat permezz ta' fużjoni jew kwalunkwe forma oħra ta' riorganizzazzjoni tan-negozju;

(d) ma għandu l-ebda intrapriża assoċjata kif imsemmi fl-Artikolu 56;

(e) ma jibbenefika, direttament jew indirettament, minn ebda benefiċċju f'ebda forma mogħti minn xi Stat Membru fil-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, fir-rigward tat-tali spejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp.]

4. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu t-tnaqqis ta' għotjiet u donazzjonijiet lil entitajiet karitatevoli.

*Artikolu 10*

*Elementi deduċibbli oħrajn*

Għandu jsir tnaqqis fir-rigward tad-deprezzament tal-assi fissi msemmija fl-Artikoli 30 sa 40.

*[Artikolu 11*

*Allowance għat-tkabbir u għall-investiment ("AGI")*

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "bażi ta' ekwità tal-AGI" tfisser, f'sena tat-taxxa partikolari, id-differenza bejn il-valur kontabilistiku tal-ekwità ta' kontribwent u dak tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-kapital tal-intrapriżi assoċjati msemmija fl-Artikolu 56.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "ekwità" tfisser:

(a) Fejn il-kontribwent ikun kumpannija, it-total ta':

i. Kapital sottoskritt;

ii. Kont tal-primium fuq l-ishma;

iii. Riserva ta' rivalwazzjoni;

iv. Riservi:

- Riserva legali;
- Riserva għall-ishma proprji;
- Riservi previsti mill-artikoli ta' assoċjazzjoni;
- Riservi oħra, inkluż ir-riserva ta' valur ġust;

v. Qligħ jew telf Kontabilistiku riportati; u

vi. Qligħ jew telf Kontabilistiku għas-sena finanzjarja.

Fejn il-kontribwent huwa stabbiliment permanenti, it-terminu għandu jfisser l-ekwità ta' dak il-kontribwent li hija attribwibbli għall-istabbiliment permanenti.

3. Ammont ugwali għar-rendiment definit fuq iż-żidiet fil-bażi ta' ekwità tal-AGI għandu jkun deduċibbli mill-bażi taxxabbli ta' kontribwent skont il-paragrafi 1 sa 6. Jekk ikun hemm tnaqqis fil-bażi tal-ekwità ta' AGI, għandu jsir taxxabbli ammont ugwali għar-rendiment definit fuq it-tnaqqis fil-bażi ta' ekwità tal-AGI.

4. (a) Iż-żidiet jew it-tnaqqis fil-bażi ta' ekwità tal-AGI għandhom jiġu kkalkolati, għall-ewwel [għaxar] snin tat-taxxa li matulhom kontribwent ikun soġġett għar-regoli ta' din id-Direttiva, bħala d-differenza bejn il-bażi tal-ekwità ta' AGI tiegħu fit-tmiem tas-sena tat-taxxa rilevanti u l-bażi ta' ekwità tal-AGI tiegħu fl-ewwel jum tal-ewwel sena tat-taxxa skont ir-regoli ta' din id-Direttiva.

(b) B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4, fejn il-kalkolu tal-bażi ta' ekwità tal-AGI jirriżulta fi tnaqqis f'bażi tal-ekwità tal-AGI, il-moviment fil-bażi ta' ekwità tal-AGI għandu jiġi kkalkolat mill-ġdid mingħajr ma jittieħed kont tat-telf kontabbli mġarrab mill-kontribwent mill-ewwel sena tat-taxxa skont ir-regoli ta' din id-Direttiva. Fejn it-tali kalkolu mill-ġdid jirriżulta f'żieda fil-bażi tal-ekwità tal-AGI, din iż-żieda għandha tiġi injorata.

(c) Wara l-ewwel għaxar snin tat-taxxa, ir-referenza għall-ammont tal-bażi tal-ekwità ta' AGI li għandu jkun deduċibbli kontra l-bażi ta' ekwità tal-AGI fit-tmiem tas-sena tat-taxxa rilevanti għandha kull sena titressaq 'il quddiem b'sena tat-taxxa waħda.

5. Ir-rendiment definit imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jkun daqs ir-rendiment tal-bond ta' referenza tal-gvern ta' 10 snin fiż-żona euro f'Diċembru tas-sena li tiġi qabel is-sena tat-taxxa rilevanti, kif ippubblikat mill-Bank Ċentrali Ewropew, miżjud bi primjum fuq ir-riskju ta' żewġ punti perċentwali. Għandu japplika limitu minimu ta' tnejn fil-mija meta l-kurva tar-rendiment annwali tkun negattiva.

6. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 sa 5, dawn li ġejjin għandhom jiġu esklużi mill-bażi tal-ekwità tal-AGI meta l-arranġament jew sensiela ta' arranġamenti jkunu daħlu fis-seħħ għall-fini essenzjali li jinkiseb benefiċċju fuq it-taxxa skont dan l-Artikolu:

(a) self intragrupp u self li jinvolvi intrapriżi assoċjati, kif imsemmi fl-Artikolu 56;

(b) kontribuzzjonijiet intragrupp fi flus u kontribuzzjonijiet in natura;

(c) trasferimenti ta' assi u parteċipazzjonijiet intragrupp;

(d) il-kategorizzazzjoni mill-ġdid ta' kapital antik bħala kapital ġdid permezz ta' likwidazzjonijiet u l-ħolqien ta' negozji ġodda;

(e) il-ħolqien ta' sussidjarji;

(f) l-akkwiżizzjonijiet ta' negozji, fl-intier tagħhom jew parzjalment, miżmuma minn intrapriżi assoċjati;

(g) strutturi li jagħtu lok għal vantaġġ doppju ("double-dipping") li jikkombinaw id-deduċibbiltà tal-imgħax u t-tnaqqis skont l-AGI;

(h) żidiet fl-ammont ta' riċevibbli tal-finanzjament tas-self lejn intrapriżi assoċjati mqabbla mal-ammont ta' dawn ir-riċevibbli fid-data ta' referenza.]

*Artikolu 12*

*Elementi mhux deduċibbli*

B'deroga mill-Artikoli 9 u 10, l-elementi li ġejjin ma għandhomx ikunu deduċibbli:

(a) id-distribuzzjonijiet tal-profitti, inkluż id-distribuzzjonijiet tal-profitti moħbija, u l-ħlas lura ta' ekwità jew dejn;

(b) 50 % tal-kostijiet għad-divertiment, sa ammont li ma jaqbiżx [x] % tad-dħul fis-sena tat-taxxa.

L-Istati Membri jistgħu jimponu aktar restrizzjonijiet fuq it-tnaqqis tal-ispejjeż relatati mal-istil ta' ħajja jew l-isfera privata;

(c) it-trasferiment tal-qligħ miżmum għal riżerva li tifforma parti mill-ekwità tal-kumpannija;

(d) it-taxxa korporattiva u taxxi simili fuq il-profitti;

(e) tixħim u ħlasijiet illegali oħrajn;

(f) multi u penali, inklużi miżati għal ħlas tard, li huma dovuti lil awtorità pubblika għall-ksur ta' kwalunkwe leġislazzjoni;

(g) l-ispejjeż magħmula minn kontribwent bil-għan li tikseb introjtu li jkun eżentat skont il-punti (c), (d) u (e) tal-Artikolu 8;

(h) rigali lil persuni li mhumiex impjegati tal-kontribwent. Ir-regola tan-nuqqas ta' possibbiltà ta' tnaqqis ma għandhiex tapplika jekk il-kost tal-akwiżizzjoni jew tal-kostruzzjoni tal-oġġetti mogħtija lir-riċevitur matul is-sena tan-negozju ma jaqbiżx [EUR 50] bħala total;

(i) għotjiet u donazzjonijiet għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 9(4);

(j) il-kostijiet tal-akwiżizzjoni jew tal-kostruzzjoni jew il-kost relatat mat-titjib tal-assi fissi li huma deduċibbli skont l-Artikoli 10 u 18, ħlief għall-kost relatat mar-riċerka u l-iżvilupp. Il-kostijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 33(1) u fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 33(2) ma għandhomx jiġu ttrattati bħala kostijiet relatati mar-riċerka u l-iżvilupp;

(k) [kontribuzzjonijiet annwali mġarrba mill-banek skont id-Direttiva BRR u r-Regolament SRM;]

(l) it-telf magħmul minn stabbiliment permanenti f'pajjiż terz.

*Artikolu 13*

*Regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax*

1. Il-kostijiet tas-self għandhom ikunu jistgħu jitnaqqsu sal-ammont tal-imgħax jew ta' dħul taxxabbli ieħor minn assi finanzjarji riċevuti mill-kontribwent.

2. Il-kostijiet tas-self eċċedenti għandhom ikunu jistgħu jitnaqqsu fis-sena tat-taxxa li fiha jiġġarrbu għal massimu ta' 30 % tal-qligħ tal-kontribwent qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-amortizzament ('EBITDA') jew għal ammont massimu ta' EUR 3 000 000, skont liema minnhom ikun l-ogħla.

Fejn grupp huwa ttrattat bħala kontribwent skont l-Artikolu 6, il-kostijiet tas-self eċċedenti u l-EBITDA għandhom jiġu kkalkolati għall-grupp kollu. L-ammont ta' EUR 3 000 000 għandu jiġi kkunsidrat ukoll għall-grupp kollu.

3. L-EBITDA għandu jiġi kkalkolat billi jiżdiedu lura mal-bażi għat-taxxa tal-kontribwent l-ammonti aġġustati tat-taxxa għall-kostijiet tas-self eċċedenti, kif ukoll l-ammonti aġġustati tat-taxxa għad-deprezzament u l-amortizzament. Id-dħul eżentat mit-taxxa għandu jiġi eskluż mill-EBITDA ta' kontribwent.

4. B'deroga mill-paragrafu 2, kontribwent li jikkwalifika bħala kumpannija awtonoma għandu jkun intitolat li jnaqqas b'mod sħiħ il-kostijiet tas-self eċċedenti tiegħu. Kumpannija awtonoma tfisser kontribwent li mhuwiex parti minn grupp ikkonsolidat għall-finijiet ta' kontabilità finanzjarja u li ma għandux intrapriżi assoċjati jew stabbilimenti permanenti.

5. B'deroga mill-paragrafu 2, il-kostijiet tas-self eċċedenti għandhom ikunu jistgħu jitnaqqsu b'mod sħiħ jekk jiġġarrbu fuq:

   (a) self konkluż qabel [id-data tal-ftehim politiku dwar din id-Direttiva], bl-esklużjoni ta' kwalunkwe modifiki sussegwenti ta' tali self;

   (b) self li jintuża biex jiffinanzja proġetti ta' infrastruttura pubbliċi fit-tul, fejn l-operatur tal-proġett, il-kostijiet tas-self, l-assi u l-introjtu jkunu kollha fl-Unjoni.

   Għall-finijiet tal-punt (b), proġett ta' infrastruttura pubblika fit-tul għandu jfisser proġett li jipprovdi, itejjeb, jopera jew iżomm assi fuq skala kbira li Stat Membru jqis li huwa fl-interess pubbliku ġenerali.

   Fejn japplika l-punt (b), kwalunkwe introjtu li jirriżulta minn proġett ta' infrastruttura pubblika fit-tul għandu jiġi eskluż mill-EBITDA tal-kontribwent.

6. Il-kostijiet tas-self eċċedenti li ma jistgħux jitnaqqsu f'sena tat-taxxa partikolari għandhom jiġu riportati mingħajr ebda limitazzjoni ta' żmien.

7. Il-paragrafi 1 sa 6 ma għandhomx japplikaw għall-impriżi finanzjarji, inklużi dawk li huma parti minn grupp ikkonsolidat għall-finijiet ta' kontabilità finanzjarja.

*Artikolu 14*

*Nefqa mġarrba għall-benefiċċju tal-azzjonisti, tal-qraba diretti ta' dawk l-azzjonisti jew tal-intrapriżi assoċjati*

Il-benefiċċji mogħtija lil azzjonist li huwa individwu, jew lil persuna oħra assoċjata b'mod personali mal-azzjonist, jew mogħtija lil intrapriża assoċjata kif imsemmija fl-Artikolu 56, ma għandhomx jiġu ttrattati bħala spejjeż deduċibbli, jew id-dħul għandhom jiżdiedu kif adatt, sa fejn tali benefiċċji ma jingħatawx lil parti terza indipendenti.

# KAPITOLU III

# TWAQQIT U KWANTIFIKAZZJONI

*Artikolu 15*

*Prinċipji ġenerali*

Id-dħul u l-ispejjeż, kif ukoll l-elementi deduċibbli l-oħrajn kollha, għandhom jiġu rikonoxxuti fis-sena tat-taxxa li fiha jakkumulaw jew jiġġarrbu, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din id-Direttiva.

*Artikolu 16*

*Akkumulazzjoni tad-dħul*

1. Id-dħul għandu jakkumula fil-mument li jirriżulta d-dritt li dan jiġi riċevut u jista' jitkejjel b'mod affidabbli, irrispettivament minn jekk l-ammonti rilevanti jkunux effettivament imħallsin.

2. Id-dħul li jirriżulta mill-kummerċ f'merkanzija għandu jitqies bħala li akkumula skont il-paragrafu 1 meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-kontribwent ikun ittrasferixxa lix-xerrej is-sjieda tal-merkanzija mibjugħa;

   b) il-kontribwent ma jżommx kontroll effettiv fuq l-oġġetti mibjugħin;

(c) l-ammont tad-dħul ikun jista' jitkejjel b'mod affidabbli;

(d) ikun probabbli li l-benefiċċji ekonomiċi assoċjati mat-tranżazzjoni jgħaddu għand il-kontribwent;

(e) il-kostijiet imġarrba jew li jkunu ser jiġġarrbu fir-rigward tat-tranżazzjoni jkunu jistgħu jitkejlu b'mod affidabbli.

3. Id-dħul li jirriżulta mill-provvista tas-servizzi għandu jitqies bħala li akkumula sal-punt li s-servizzi jkunu ġew ipprovduti u meta jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ammont tad-dħul ikun jista' jitkejjel b'mod affidabbli;

(b) ikun probabbli li l-benefiċċji ekonomiċi assoċjati mat-tranżazzjoni jgħaddu għand il-fornitur;

(c) l-istadju tat-tlestija tat-tranżazzjoni fl-aħħar tas-sena tat-taxxa jkun jista' jitkejjel b'mod affidabbli;

(d) il-kostijiet imġarrba jew li jkunu ser jiġġarrbu fir-rigward tat-tranżazzjoni jkunu jistgħu jitkejlu b'mod affidabbli.

Meta l-kriterji stabbiliti fil-punti (a) sa (d) ma jiġux issodisfati, id-dħul li jirriżulta mill-provvista tas-servizzi għandu jitqies bħala li akkumula biss sal-punt li jkun jista' jitqabbel mal-ispejjeż deduċibbli.

4. Meta d-dħul jirriżulta minn ħlasijiet lill-kontribwent li jkunu skedati li jitwettqu f'diversi stadji, id-dħul għandu jitqies bħala li akkumula meta jkun dovut kull wieħed mill-ħlasijiet parzjali individwali.

*Artikolu 17*

*Tiġrib ta' spejjeż deduċibbli*

L-ispejjeż deduċibbli jiġġarrbu fil-mument li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun inħoloq l-obbligu li jsir il-ħlas; meta spiża tkun tikkonsisti fi ħlasijiet mill-kontribwent f'diversi stadji, l-obbligu li jsir ħlas għandu jinħoloq meta jsir dovut kull wieħed mill-ħlasijiet parzjali individwali;

(b) l-ammont tal-obbligu jkun jista' jiġi kwantifikat;

(c) fil-każ ta' kummerċ fi prodotti, ir-riskji u l-vantaġġi sinifikanti tas-sjieda fuq il-prodotti jkunu ġew trasferiti lill-kontribwent u, fil-każ tal-forniment ta' servizzi, dawn tal-aħħar ikun irċevihom il-kontribwent.

*Artikolu 18*

*Kostijiet relatati ma' assi mhux deprezzabbli*

Il-kostijiet tal-akwiżizzjoni jew tal-kostruzzjoni tal-assi tanġibbli fissi msemmija fl-Artikolu 38, jew il-kostijiet għat-titjib ta' dawk l-assi, għandhom ikunu deduċibbli fis-sena tat-taxxa li fiha jsir id-disponiment ta' dawk l-assi, bil-kundizzjoni li r-rikavati tad-disponiment jiġu inklużi fil-bażi għat-taxxa.

*Artikolu 19*

*Ħażniet u tax-xogħol fl-idejn*

1. L-ammont totali ta' spejjeż deduċibbli għal sena tat-taxxa għandu jiġi miżjud bil-valur tal-ħażniet u x-xogħol fl-idejn fil-bidu tas-sena tat-taxxa u jitnaqqas bil-valur tal-ħażniet u x-xogħol fl-idejn fit-tmiem tal-istess sena tat-taxxa, bl-eċċezzjoni tal-ħażniet u x-xogħol fl-idejn b'rabta mal-kuntratti fit-tul imsemmija fl-Artikolu 22.

2. Il-kostijiet tal-ħażniet u tax-xogħol fl-idejn għandhom jitkejlu bl-użu tal-metodu fejn joħroġ li daħal l-ewwel, metodu fejn joħroġ li daħal l-aħħar jew tal-metodu tal-kost medju ponderat.

3. Il-kost tal-ħażniet u x-xogħol fl-idejn li jinvolvu elementi li ma jkunux ordinarjament interkambjabbli u prodotti jew servizzi li jkunu manifatturati jew fornuti, rispettivament, u separati għal proġetti speċifiċi, għandu jitkejjel b'mod individwali.

4. Kontribwent għandu juża l-istess metodu għall-valwazzjoni tal-ħażniet u tax-xogħol fl-idejn kollha li jkollhom natura u użu simili.

Il-kost tal-ħażniet u tax-xogħol fl-idejn għandu jinkludi il-kostijiet kollha tax-xiri, il-kostijiet diretti tal-konverżjoni u kostijiet diretti oħrajn li jiġġarrbu sabiex jitwasslu fil-post u l-kundizzjoni li fiha jinstabu fis-sena tat-taxxa rilevanti.

Il-kostijiet għandhom ikunu netti mit-taxxa fuq il-valur miżjud deduċibbli.

[Kontribwent li jkun inkluda kostijiet indiretti fil-valwazzjoni tal-ħażniet u tax-xogħol fl-idejn qabel sar soġġett għar-regoli ta' din id-Direttiva jista' jkompli japplika l-approċċ tal-kost indirett.]

5. Il-ħażniet u x-xogħol fl-idejn għandhom jiġu valutati fl-aħħar jum tas-sena tat-taxxa skont l-inqas mill-kost u l-valur nett realizzabbli.

Il-valur nett realizzabbli huwa l-prezz stmat tal-bejgħ matul il-kors ordinarju tan-negozju, tnaqqas minnu l-kostijiet stmati tat-tlestija u l-kostijiet stmati li huma meħtieġa sabiex isir il-bejgħ.

*Artikolu 20*

*Valwazzjoni*

1. Il-bażi għat-taxxa għandha tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-elementi li ġejjin.

   (a) il-kunsiderazzjoni monetarja għat-tranżazzjoni, bħall-prezz tal-prodotti mibjugħa jew tas-servizzi pprovduti;

(b) il-valur tas-suq, meta l-kunsiderazzjoni għat-tranżazzjoni tkun kompletament jew parzjalment mhux monetarja;

(c) il-valur tas-suq, fil-każ ta' rigal mhux monetarju;

(d) il-valur tas-suq tal-assi u l-obbligi finanzjarji miżmuma għan-negozjar.

2. Il-bażi għat-taxxa, inklużi d-dħul u l-ispejjeż, għandhom jiġu espressi f'EUR matul is-sena tat-taxxa jew fl-aħħar jum tas-sena tat-taxxa, bir-rata medja annwali tal-kambju għas-sena kalendarja maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew jew, jekk is-sena tat-taxxa ma tkunx tikkoinċidi mas-sena kalendarja, bil-medja tal-osservazzjonijiet ta' kuljum maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew matul is-sena tat-taxxa.

3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għal kontribwent fi Stat Membru li ma jkunx adotta l-euro (EUR).

*Artikolu 21*

*Strumenti finanzjarji miżmuma għan-negozjar (portafoll tan-negozjar)*

1. Strument finanzjarju għandu jiġi ttrattat bħala miżmum għan-negozjar jekk ikun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) jiġi akkwistat jew imġarrab primarjament għall-iskop tal-bejgħ jew tax-xiri mill-ġdid tiegħu fi żmien tnax-il xahar kalendarju;

(b) ikun parti minn portafoll ta' strumenti finanzjarji identifikati, inklużi derivattivi, li jkunu ġestiti flimkien u li għalihom ikun hemm evidenza ta' mudell attwali riċenti ta' teħid tal-profitti fuq perijodu qasir.

2. B'deroga mill-Artikoli 16 u 17, kwalunkwe differenzi bejn il-valur tas-suq tal-istrumenti finanzjarji miżmuma għan-negozjar, ikkalkolati fil-bidu ta' sena tat-taxxa jew fid-data tax-xiri, jekk din tkun aktar tard, u l-valur tas-suq tagħhom ikkalkolat fi tmiem l-istess sena tat-taxxa, għandhom jiġu inklużi fil-bażi għat-taxxa ta' dik is-sena tat-taxxa.

3. Ir-rikavat ta' strument finanzjarju miżmum għan-negozjar li jsir disponiment tiegħu għandu jiġi miżjud mal-bażi għat-taxxa. Il-valur tas-suq ta' dak l-istrument fil-bidu tas-sena tat-taxxa jew fid-data tax-xiri, jekk din tkun aktar tard, għandu jitnaqqas mill-bażi għat-taxxa.

4. Meta jiġu riċevuti distribuzzjonijiet tal-profitt fir-rigward ta' parteċipazzjoni miżmuma għan-negozjar, l-eżenzjoni mill-bażi għat-taxxa msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 8 ma għandhiex tapplika.

5. B'deroga mill-punt (c) tal-Artikolu 8, kwalunkwe differenza bejn il-valur tas-suq ta' strument finanzjarju mhux aktar miżmum għan-negozjar, iżda li għadu miżmum bħala assi fiss, ikkalkolat fil-bidu ta' sena tat-taxxa jew fid-data tax-xiri, jekk din tkun aktar tard, u l-valur tas-suq tiegħu kkalkolat fi tmiem l-istess sena tat-taxxa, għandhom jiġu inklużi fil-bażi għat-taxxa ta' dik is-sena tat-taxxa.

B'deroga mill-punt (c) tal-Artikolu 8, kwalunkwe differenza bejn il-valur tas-suq ta' strument finanzjarju mhux aktar miżmum bħala assi fiss, iżda li għadu miżmum għan-negozjar, ikkalkolat fil-bidu ta' sena tat-taxxa jew fid-data tax-xiri, jekk din tkun aktar tard, u l-valur tas-suq tiegħu kkalkolat fi tmiem l-istess sena tat-taxxa, għandhom jiġu inklużi fil-bażi għat-taxxa ta' dik is-sena tat-taxxa.

Il-valur tas-suq ta' strument finanzjarju fi tmiem is-sena tat-taxxa li matulha saret it-tranżizzjoni minn assi fiss għal strument miżmum għan-negozjar u viċi versa għandu jkun ukoll il-valur tas-suq tiegħu fil-bidu tas-sena wara t-tranżizzjoni.

6. Il-perijodu msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 8 għandu jibda jew jiġi interrott meta l-istrument finanzjarju ma jibqax miżmum għan-negozjar jew ma jibqax assi fiss.

*Artikolu 22*

*Kuntratti fit-tul*

1. Kuntratt fit-tul huwa wieħed li jikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun konkluż għall-iskop ta' manifattura, installazzjoni jew kostruzzjoni, jew għat-twettiq ta' servizzi;

(b) it-terminu tiegħu jaqbeż, jew ikun mistenni li jaqbeż, 12-il xahar.

2. B'deroga mill-Artikolu 16, id-dħul relatat ma' kuntratt fit-tul għandu jitqies bħala li kien akkumulat għall-ammont li jikkorrispondi għall-parti tal-kuntratt fit-tul li tkun tlestiet fis-sena tat-taxxa rilevanti. Il-perċentwal tat-tlestija tal-kuntratt fit-tul għandu jiġi ddeterminat b'referenza għall-proporzjon tal-kostijiet ta' dik is-sena għall-istima tal-kostijiet globali.

3. Il-kostijiet relatati ma' kuntratti fit-tul għandhom jitnaqqsu fis-sena tat-taxxa li fiha jiġġarrbu.

*Artikolu 23*

*Provvedimenti*

1. B'deroga mill-Artikolu 17, meta fl-aħħar ta' sena tat-taxxa jiġi stabbilit li l-kontribwent ikollu obbligu ġuridiku, li jirriżulta minn attivitajiet jew tranżazzjonijiet imwettqa f'dik is-sena tat-taxxa, jew fi snin tat-taxxa preċedenti, kwalunkwe ammont li jirriżulta minn dak l-obbligu li jista' jiġi stmat b'mod affidabbli għandu jkun deduċibbli, dment li s-saldu eventwali tal-ammont ikun mistenni li jirriżulta fi spiża deduċibbli. L-istess għandu japplika għal impenji pubbliċi li jkunu mistennija li jirriżultaw fi spejjeż deduċibbli fi żmien is-sentejn kalendarji li jmiss.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, obbligu ġuridiku jista' jiġi minn kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) kuntratt;

(b) leġislazzjoni;

(c) att amministrattiv ta' natura ġenerali jew indirizzat lil kontribwent speċifiku;

(d) operazzjoni oħra tal-liġi.

Meta l-obbligu jirrigwarda attività jew tranżazzjoni li tkun ser tissokta matul is-snin tat-taxxa futuri, il-provvediment għandu jinfirex b'mod proporzjonat fuq id-durata stmata tal-attività jew tat-tranżazzjoni.

Il-provvedimenti taħt dan l-Artikolu għandhom jiġu riveduti u aġġustati fl-aħħar ta' kull sena tat-taxxa. Fil-kalkolu tal-bażi għat-taxxa fis-snin tat-taxxa futuri, għandu jittieħed kont tal-ammonti li diġà tnaqqsu skont dan l-Artikolu.

2. Ammont stmat b'mod affidabbli kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun in-nefqa mistennija meħtieġa sabiex jiġi saldat l-obbligu ġuridiku preżenti fit-tmiem tas-sena tat-taxxa, bil-kundizzjoni li l-istima tkun ibbażata fuq il-fatturi kollha rilevanti, inkluża l-esperjenza tal-passat tal-kumpannija, tal-grupp jew tal-industrija. Fl-istima tal-ammont ta' provvediment, japplika dan li ġej:

(a) għandu jittieħed kont tar-riskji u l-inċertezzi kollha, iżda l-inċertezza ma għandhiex tiġġustifika l-ħolqien ta' provvedimenti eċċessivi;

(b) jekk it-terminu tal-provvediment ikun ta' tnax-il xahar jew aktar u ma jkun hemm l-ebda rata maqbula ta' skont, il-provvediment għandu jiġi skontat bir-rata tar-rendiment tal-bond ta' referenza tal-gvern ta' 10 snin fiż-żona euro f'Diċembru tas-sena li tiġi qabel is-sena tat-taxxa rilevanti, kif ippubblikat mill-Bank Ċentrali Ewropew, miżjud bi primjum fuq ir-riskju ta' żewġ punti perċentwali;

(c) l-avvenimenti futuri għandhom jitqiesu meta jkunu raġonevolment mistennija li jseħħu;

(d) għandhom jitqiesu benefiċċji futuri direttament marbuta mal-avveniment li jwassal għall-provvediment.

3. Il-provvedimenti ma għandhomx jitnaqqsu għal dawn li ġejjin:

(a) telf kontinġenti;

(b) żidiet fil-kostijiet futuri.

*Artikolu 24*

*Pensjonijiet*

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu t-tnaqqis tal-provvedimenti tal-pensjonijiet.

*Artikolu 25*

*Tnaqqis tad-dejn mitluf*

1. Għandu jiġi permess tnaqqis għal riċevibbli ta' dejn mitluf meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) fit-tmiem tas-sena tat-taxxa, il-kontribwent ikun ħa l-passi raġonevoli kollha, kif deskritti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, sabiex jeffettwa l-ħlas u huwa probabbli li d-dejn ma jiġix issodisfat kompletament jew parzjalment, jew il-kontribwent ikollu għadd kbir ta' riċevibbli omoġenji li kollha jirriżultaw mill-istess settur tal-attività ta' negozju u jkun jista' jikkalkula b'mod affidabbli l-ammont tad-dejn mitluf riċevibbli fuq bażi ta' perċentwali, bil-kundizzjoni li l-valur ta' kull riċevibbli omoġenju jkun aktar baxx minn 0.1 % tal-valur tar-riċevibbli omoġenji kollha. Sabiex jasal għal stima affidabbli, il-kontribwent għandu jieħu f'kunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, inkluża l-esperjenza tal-passat;

   (b) [id-debitur ma għandu ebda relazzjoni mal-kontribwent kif imsemmi fl-Artikolu 3, filwaqt li] d-debitur u l-kontribwent [mhumiex] intrapriżi assoċjati kif imsemmija fl-Artikolu 56. Jekk id-debitur ikun individwu, id-debitur, il-konjuġi jew sieħeb/sieħba (rreġistrat/a) tiegħu, l-axxendenti jew id-dixxendenti diretti tiegħu, ħutu/ħutha jew id-dixxendenti diretti tagħhom ma għandhomx jipparteċipaw fil-ġestjoni jew fil-kontroll tal-kontribwent, jew inkella direttament jew indirettament fil-kapital tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 56;

   (c) fejn id-dejn mitluf ikun relatat ma' riċevibbli tan-negozju, ammont korrispondenti għad-dejn għandu jiġi inkluż fil-bażi għat-taxxa bħala dħul.

2. Sabiex jiġi ddeterminat jekk ittieħdux il-passi raġonevoli kollha sabiex isir il-ħlas, għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-elementi elenkati fil-punti (a) sa (c), dment li jkunu bbażati fuq evidenza oġġettiva:

(a) jekk il-kostijiet tal-ġbir ikunux sproporzjonati mad-dejn; jew

(b) jekk ikunx hemm xi prospett ta' ġbir b'suċċess, inklużi każijiet fejn id-debitur ikun ġie ddikjarat bħala insolventi, jekk inbdietx azzjoni legali jew jekk kienx involut kollettur tad-dejn; jew

(c) jekk ikunx raġonevoli, fiċ-ċirkostanzi, li wieħed jistenna li l-kontribwent jagħmel il-ġbir.

3. Meta talba preċedentement imnaqqsa bħala dejn mitluf tiġi saldata, l-ammont irkuprat għandu jiżdied mal-bażi għat-taxxa fis-sena tas-saldu.

*Artikolu 26*

*Iħħeġġjar*

1. Il-qligħ u t-telf fuq strument għall-iħħeġġjar, li jirriżultaw minn valwazzjoni jew atti ta' disponiment, għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-qligħ u t-telf korrispondenti fuq l-entrata ħħeġġjata. Ikun hemm relazzjoni ta' ħħeġġjar meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-relazzjoni tal-iħħeġġjar tintgħażel u tiġi ddokumentata b'mod formali minn qabel;

(b) il-ħeġġ mistenni jkun effettiv ħafna u l-effettività tista' titkejjel b'mod affidabbli.

2. Meta r-relazzjoni tal-iħħeġġjar tiġi interrotta jew strument finanzjarju diġà miżmum sussegwentement ikun ittrattat bħala strument għall-iħħeġġjar, li jwassal għat-tranżizzjoni tiegħu għal sistema tat-taxxa differenti, kwalunkwe differenza bejn il-valur ġdid tal-istrument għall-iħħeġġjar, li jrid jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 20 fit-tmiem tas-sena tat-taxxa, u l-valur tas-suq fil-bidu tal-istess sena tat-taxxa għandha tiġi inkluża fil-bażi għat-taxxa.

Il-valur tas-suq tal-istrument għall-iħħeġġjar fit-tmiem tas-sena tat-taxxa, li matulha dak l-istrument kien soġġett għal tranżizzjoni għal sistema tat-taxxa differenti, għandu jikkoinċidi mal-valur tas-suq tiegħu fil-bidu tas-sena wara dik it-tranżizzjoni.

*Artikolu 28*

*Impriżi tal-assigurazzjoni*

L-impriżi tal-assigurazzjoni li huma awtorizzati sabiex joperaw fi Stat Membru skont id-Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE[11] għall-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, id-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] għall-assigurazzjoni tal-ħajja u d-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] għar-riassigurazzjoni, għandhom ikunu soġġetti għar-regoli addizzjonali li ġejjin:

(a) il-bażi għat-taxxa għandha tinkludi d-differenza fil-valur tas-suq, kif imkejjel fil-bidu u fit-tmiem tal-istess sena tat-taxxa, jew mat-tlestija tax-xiri, jekk tkun aktar tard, tal-assi li fihom isir investiment għall-benefiċċju tad-detenturi ta' polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment u li jinżammu minn impriżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja;

(b) il-bażi għat-taxxa għandha tinkludi d-differenza fil-valur tas-suq, kif imkejjel fil-ħin tad-disponiment u fil-bidu tas-sena tat-taxxa, jew mat-tlestija tax-xiri, jekk tkun aktar tard, tal-assi li fihom isir investiment għall-benefiċċju tad-detenturi ta' polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment u li jinżammu minn impriżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja;

(c) il-bażi għat-taxxa għandha tinkludi d-distribuzzjonijiet tal-profitt riċevuti mill-impriżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja;

---

11 L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE tal-24 ta' Lulju 1973 dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw il-bidu u t-twettiq tan-negozju tal-assigurazzjoni diretta barra mill-assigurazzjoni tal-ħajja (ĠU L 228, 16.8.1973, p. 3).

12 Id-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li tikkonċerna l-assigurazzjoni fuq il-ħajja (ĠU L 345, 19.12.2002, p. 1).

13 Id-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005 dwar ir-riassigurazzjoni u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 92/49/KEE kif ukoll id-Direttivi 98/78/KE u 2002/83/KE (ĠU L 232.9.12.2005, p. 1).

(d) il-provvedimenti tekniċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni stabbiliti skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE[14] għandhom ikunu deduċibbli. L-ammonti mnaqqsa għandhom jiġu riveduti u aġġustati fit-tmiem ta' kull sena tat-taxxa. L-ammonti diġà mnaqqsin għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta tiġi kkalkolata l-bażi għat-taxxa fis-snin li ġejjin.

*Artikolu 29*

*Tassazzjoni tal-ħruġ*

1. Ammont ugwali għall-valur tas-suq tal-assi ttrasferiti, fil-ħin tal-ħruġ tal-assi, nieqes il-valur tagħhom għall-finijiet tat-taxxa, għandu jiġi ttrattat bħala dħul akkumulat fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

   (a) meta kontribwent jittrasferixxi assi mill-uffiċċju prinċipali tiegħu għall-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz;

   (b) meta kontribwent jittrasferixxi assi mill-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru għall-uffiċċju prinċipali tiegħu jew stabbiliment permanenti ieħor fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz, sal-punt li, minħabba t-trasferiment, l-Istat Membru tal-istabbiliment permanenti ma jibqax ikollu d-dritt li jintaxxa l-assi ttrasferiti;

   (c) meta kontribwent jittrasferixxi r-residenza tat-taxxa tiegħu lejn Stat Membru ieħor jew lejn pajjiż terz, ħlief għal dawk l-assi li jibqgħu effettivament konnessi ma' stabbiliment permanenti fl-ewwel Stat Membru;

   (d) meta kontribwent jittrasferixxi n-negozju mwettaq mill-istabbiliment permanenti tiegħu minn Stat Membru wieħed għal Stat Membru ieħor jew għal pajjiż terz, sal-punt li, minħabba t-trasferiment, l-Istat Membru tal-istabbiliment permanenti ma jibqax ikollu d-dritt li jintaxxa l-assi ttrasferiti.

---

[14] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni (ĠU L 374, 19.12.1991, p. 1).

2. L-Istat Membru li lejh jiġu ttrasferiti l-assi, ir-residenza tat-taxxa jew in-negozju mwettaq minn stabbiliment permanenti għandu jaċċetta l-valur stabbilit mill-Istat Membru tal-kontribwent jew tal-istabbiliment permanenti bħala l-valur inizjali tal-assi għal finijiet ta' taxxa.

3. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għat-trasferimenti tal-assi relatati mal-finanzjament tat-titoli, l-assi mqiegħda bħala kollateral jew meta t-trasferiment tal-assi jseħħ sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kapitali prudenzjali jew għall-fini tal-ġestjoni tal-likwidità meta dawk l-assi jkunu mistennija jmorru lura għand l-Istat Membru tat-trasferent f'perijodu ta' 12-il xahar.

# KAPITOLU IV

# DEPREZZAMENT TAL-ASSI FISSI

*Artikolu 30*

*Reġistru tal-assi fissi*

1. Il-kostijiet tal-akwiżizzjoni jew tal-kostruzzjoni jew il-kostijiet għat-titjib, flimkien mad-data tal-bidu tal-użu wara l-akkwist, il-kostruzzjoni jew it-titjib, għandhom jiġu rreġistrati separatament f'reġistru tal-assi fissi għal kull assi fiss.

2. Meta jsir id-disponiment ta' assi fiss, id-dettalji tad-disponiment, inkluża d-data tad-disponiment, u kwalunkwe rikavat jew kumpens riċevut b'riżultat tad-disponiment, għandhom jiġu rreġistrati fir-reġistru tal-assi fissi.

3. Ir-reġistru tal-assi fissi għandu jinżamm b'mod li jipprovdi biżżejjed informazzjoni sabiex tiġi kkalkolata l-bażi għat-taxxa u għandu mill-inqas jinkludi:

- id-deżinjazzjoni tal-assi;
- ix-xahar tal-bidu tal-użu;

- il-bażi għad-deprezzament;
- il-ħajja utli skont l-Artikolu 33;
- id-deprezzament akkumulat matul is-sena tat-taxxa attwali;
- id-deprezzament akkumulat totali;
- il-bażi għad-deprezzament netta mid-deprezzament akkumulat totali u netta mit-tnaqqis eċċezzjonali fil-valur;
- ix-xahar tal-waqfien jew tal-issoktar tal-impożizzjoni tad-deprezzament tat-taxxa;
- ix-xahar tad-disponiment.

*Artikolu 31*

*Bażi għad-deprezzament*

1. Il-bażi għad-deprezzament għandha tinkludi l-kostijiet direttament marbuta mal-akkwist, mal-kostruzzjoni jew mat-titjib ta' assi fiss. Dawk il-kostijiet ma għandhomx jinkludu t-taxxa deduċibbli fuq il-valur miżjud. Il-kostijiet tal-akwiżizzjoni jew tal-kostruzzjoni jew il-kostijiet għat-titjib ta' assi fiss ma għandhomx jinkludu l-imgħax.

2. Il-bażi għad-deprezzament ta' assi fiss riċevut bħala rigal għandha tkun il-valur tas-suq tiegħu kif inkluż fid-dħul.

3. Il-bażi għad-deprezzament ta' assi fiss soġġett għad-deprezzament għandha tonqos billi jitnaqqas l-ammont ta' kwalunkwe sussidju marbut direttament mal-akkwist, mal-kostruzzjoni jew mat-titjib tal-assi, kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 8.

4. Id-deprezzament tal-assi fissi li ma jkunux intużaw għal aktar minn tnax-il xahar minħabba raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-kontribwent ma għandux jittieħed inkunsiderazzjoni.

   Id-deprezzament għandu jieqaf mix-xahar li jiġi wara x-xahar li fih jiskadi l-perijodu msemmi fl-ewwel sentenza u għandu jissokta mix-xahar li jiġi wara t-tmiem tat-tnax-il xahar mix-xahar li fih l-assi jkun reġa' beda jintuża.

*Artikolu 32*

*Dritt għad-deprezzament*

1. Soġġett għall-paragrafu 3, id-deprezzament għandu jitnaqqas mis-sid ekonomiku.

2. Fil-każ ta' kuntratti li fihom is-sjieda ekonomika u legali ma jkunux jikkoinċidu, is-sid ekonomiku għandu jkollu d-dritt li jnaqqas l-element ta' imgħax tal-ħlasijiet mill-bażi għat-taxxa tiegħu, sakemm dak l-element ma jkunx inkluż fil-bażi għat-taxxa tas-sid legali.

3. Jekk is-sid ekonomiku ta' assi ma jkunx jista' jiġi identifikat, is-sid legali għandu jkollu d-dritt li jnaqqas id-deprezzament. Fil-każ ta' kuntratti ta' kiri kemm l-element ta' imgħax kif ukoll dak ta' kapital tal-ħlasijiet tal-kiri għandhom jiġu inklużi fil-bażi għat-taxxa tas-sid legali u jkunu jistgħu jitnaqqsu mil-lokatarju.

4. Assi fiss ma jistax jiġi deprezzat minn aktar minn kontribwent wieħed f'sena ta' taxxa waħda, sakemm is-sjieda legali jew is-sjieda ekonomika ma tkunx kondiviża bejn aktar kontribwenti jew sakemm ma jkunx inbidel is-sid legali jew is-sid ekonomiku tal-assi.

5. Kontribwent ma jistax iċedi d-dritt għad-deprezzament.

[6. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta:

(a) il-kalkolu tal-elementi ta' kapital u ta' imgħax tal-ħlasijiet tal-lokazzjoni;

(b) il-kalkolu tal-bażi għad-deprezzament ta' assi lokat.]

*Artikolu 33*

*Assi deprezzabbli b'mod individwali*

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 u l-Artikoli 37 u 38, l-assi fissi għandhom jiġu deprezzati b'mod individwali fuq il-ħajja utli tagħhom fuq bażi lineari. Il-ħajja utli ta' assi fiss għandha tiġi ddeterminata kif ġej:

(a) bini kummerċjali, ta' uffiċini u bini ieħor, kif ukoll kwalunkwe tip ieħor ta' proprjetà immobbli li tintuża għan-negozju, bl-eċċezzjoni ta' bini u strutturi industrijali: 40 sena;

(b) bini u strutturi industrijali: 25 sena;

(c) assi tanġibbli fissi b'ħajja twila, għajr l-assi msemmija fil-punti (a) u (b): 15 sena;

(d) assi tanġibbli fissi ta' ħajja medja: 8 sena;

(e) assi tanġibbli fissi ta' ħajja qasira: 5 snin;

(f) assi tanġibbli fissi [inkluż avvjament akkwistat]: il-perijodu li matulu l-assi jgawdi protezzjoni legali jew li għalih ikun ingħata d-dritt jew, jekk dak il-perijodu ma jkunx jista' jiġi ddeterminat, 15-il sena.

2. Bini u tipi oħrajn ta' proprjetà immobbli użati, assi tanġibbli fissi ta' ħajja twila użati, assi tanġibbli fissi ta' ħajja medja użati, assi tanġibbli fissi ta' ħajja qasira użati u assi intanġibbli fissi użati għandhom jiġu deprezzati skont ir-regoli li ġejjin:

(a) bini kummerċjali, ta' uffiċini u bini ieħor użat, kif ukoll kwalunkwe tip ieħor ta' proprjetà immobbli li tintuża għan-negozju, bl-eċċezzjoni ta' bini u strutturi industrijali: 40 sena, sakemm il-kontribwent ma jurix li l-ħajja utli stmata li jkun fadal tal-assi tkun iqsar minn 40 sena, f'liema każ huwa għandu jiġi deprezzat fuq dak il-perijodu iqsar;

(b) bini u strutturi industrijali użati: 25 sena, sakemm il-kontribwent ma jurix li l-ħajja utli stmata li jkun fadal tal-assi tkun iqsar minn 25 sena, f'liema każ huwa għandu jiġi deprezzat fuq dak il-perijodu iqsar;

(c) assi tanġibbli fissi ta' ħajja twila użati, għajr l-assi msemmija fil-punti (a) u (b): 15-il sena, sakemm il-kontribwent ma jurix li l-ħajja utli stmata li jkun fadal tal-assi tkun iqsar minn 15-il sena, f'liema każ huwa għandu jiġi deprezzat fuq dak il-perijodu iqsar;

(d) assi tanġibbli fissi ta' ħajja medja użati: 8 snin, sakemm il-kontribwent ma jurix li l-ħajja utli stmata li jkun fadal tal-assi tkun iqsar minn 8 snin, f'liema każ huwa għandu jiġi deprezzat fuq dak il-perijodu iqsar;

(e) assi tanġibbli fissi ta' ħajja qasira użati: 5 snin, sakemm il-kontribwent ma jurix li l-ħajja utli stmata li jkun fadal tal-assi tkun iqsar minn 5 snin, f'liema każ huwa għandu jiġi deprezzat fuq dak il-perijodu iqsar;

(f) assi intanġibbli fissi użati: 15-il sena, sakemm ma jkunx jista' jiġi stabbilit il-perijodu li jifdal li matulu l-assi jgawdi minn protezzjoni legali jew li għalih jingħata d-dritt, f'liema każ huwa għandu jiġi deprezzat fuq dak il-perijodu.

*Artikolu 34*

*Twaqqit*

1. Id-deprezzament għandu jitnaqqas kull xahar mix-xahar tal-bidu tal-użu tal-assi fiss. Ma għandu jitnaqqas l-ebda deprezzament fix-xahar tad-disponiment.

2. Il-valur għall-finijiet tat-taxxa ta' assi fiss li jsir id-disponiment tiegħu, jew li ssirlu ħsara b'tali mod li ma jkunx jista' jintuża aktar għan-negozju, u l-valur għall-finijiet tat-taxxa ta' kwalunkwe kost għat-titjib imġarrab fir-rigward ta' dak l-assi, għandhom jitnaqqsu mill-bażi għat-taxxa fix-xahar tad-disponiment jew tal-ħsara.

*Artikolu 35*

*Tnaqqis għal rifinanzjament għall-assi ta' sostituzzjoni*

1. Meta r-rikavati mid-disponiment, inkluż kumpens għad-danni, ta' assi deprezzabbli b'mod individwali jew ta' art, għandhom jerġgħu jiġu investiti f'assi simili li jintuża għall-istess skop ta' negozju qabel it-tmiem tat-tieni sena tat-taxxa wara s-sena tat-taxxa li fiha seħħ id-disponiment, il-kontribwent jista' jnaqqas l-ammont li bih dawk ir-rikavati jaqbżu l-valur tal-assi disposti għall-finijiet tat-taxxa fis-sena tad-disponiment. Il-bażi għad-deprezzament tal-assi ta' sostituzzjoni għandha titnaqqas bl-istess ammont.

   Assi li jitneħħa b'mod volontarju jrid ikun ġie possedut għal perijodu minimu ta' tliet snin qabel id-disponiment.

2. L-assi ta' sostituzzjoni msemmi fil-paragrafu 1 jista' jinxtara fis-sena tat-taxxa qabel id-disponiment. Meta l-assi ta' sostituzzjoni ma jinxtarax qabel it-tmiem tat-tieni sena tat-taxxa wara s-sena li fiha jkun sar id-disponiment tal-assi [u għajr f'każijiet ta' force majeure], l-ammont imnaqqas fis-sena tad-disponiment, miżjud b'10 %, għandu jiżdied mal-bażi għat-taxxa fit-tieni sena tat-taxxa wara li jkun sar id-disponiment.

*Artikolu 36*

*Deprezzament tal-kostijiet għat-titjib*

1. Il-kostijiet għat-titjib għandhom jiġu deprezzati skont ir-regoli applikabbli għall-assi fiss li jkun ġie mtejjeb daqslikieku kienu relatati ma' assi fiss akkwistat reċentement, inkluż il-ħajja utli tiegħu skont l-Artikolu 33(1)(a) sa (e). Minkejja dan, il-kostijiet għat-titjib rigward assi mikrija għandhom jiġu deprezzati skont l-Artikolu 32 u l-Artikolu 33(2)(a) sa (e).

2. Meta l-kontribwent juri li l-ħajja utli stmata li jkun fadal ta' assi fiss deprezzat b'mod individwali hija iqsar mill-ħajja utli tal-assi speċifikata fl-Artikolu 33(1)(a) sa (e), il-kostijiet għat-titjib għal dak l-assi għandhom jiġu deprezzati fuq dak il-perijodu iqsar.

*Artikolu 37*

*Grupp ta' assi*

1. L-Istati Membri jistgħu alternattivament jipprevedu għad-deprezzament tal-assi fissi msemmija fl-Artikolu 33(1)(e) u (2) (e) flimkien fi grupp wieħed ta' assi b'rata annwali ta' 25 % tal-bażi għad-deprezzament.

2. Il-bażi għad-deprezzament tal-grupp ta' assi fit-tmiem ta' sena tat-taxxa għandha tkun il-valur tiegħu għall-finijiet tat-taxxa fit-tmiem tas-sena tat-taxxa preċedenti, aġġustata għall-assi li jidħlu u joħorġu mill-grupp matul is-sena tat-taxxa rilevanti. Il-kostijiet tal-akwiżizzjoni jew tal-kostruzzjoni u l-kostijiet għat-titjib tal-assi għandhom jiżdiedu mal-bażi għad-deprezzament, filwaqt li għandhom jitnaqqsu r-rikavati ta' disponiment tal-assi u kwalunkwe kumpens li jiġi riċevut għat-telf jew għall-qerda ta' assi.

3. Meta l-bażi għad-deprezzament kif ikkalkolata skont il-paragrafu 2 tkun negattiva, għandu jiżdied ammont sakemm il-bażi għad-deprezzament tkun żero. L-istess ammont għandu jiżdied mal-bażi għat-taxxa.

*Artikolu 38*

*Assi mhux soġġetti għal deprezzament*

L-assi li ġejjin ma għandhomx ikunu soġġetti għal deprezzament:

(a) assi tanġibbli fissi mhux soġġetti għat-tkagħbir bl-użu u għall-obsolexxenza bħalma huma l-art, l-arti, l-antikitajiet jew il-ġojjellerija;

(b) l-assi finanzjarji, bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmuma għan-negozjar.

*Artikolu 39*

*Tnaqqis eċċezzjonali fil-valur*

1. Kontribwent li juri li assi tanġibbli fiss naqqas fil-valur tiegħu fit-tmiem ta' sena tat-taxxa minħabba force majeure jew attivitajiet kriminali minn partijiet terzi jista' jnaqqas mill-bażi għat-taxxa ammont ugwali għal dak it-tnaqqis fil-valur. Madankollu, ma jista' jsir ebda tnaqqis bħal dan fir-rigward tal-assi li r-rikavat mid-disponiment tagħhom ikun eżentat mit-tassazzjoni.

2. Meta l-valur ta' assi tanġibbli fiss sussegwentement jiżdied, għandu jiżdied ammont ekwivalenti għal dik iż-żieda mal-bażi għat-taxxa fis-sena li fiha tkun seħħet dik iż-żieda. Madankollu, kwalunkwe żieda jew żidiet bħal dawn, meħudin flimkien, ma għandhomx jaqbżu l-ammont tat-tnaqqis mogħti oriġinarjament.

3. Meta assi tanġibbli fiss li mhux soġġett għal deprezzament ikun wassal għal tnaqqis eċċezzjonali fil-valur, il-kostijiet deduċibbli skont l-Artikolu 18 għandhom jitnaqqsu sabiex jinkludu t-tnaqqis eċċezzjonali li kontribwent diġà jkun irċieva.

*[Artikolu 40*

*Preċiżjoni tal-kategoriji ta' assi fissi*

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddefinixxi b'mod aktar preċiż il-kategoriji ta' assi fissi msemmija f'dan il-Kapitolu.]

# KAPITOLU V

# TELF

*Artikolu 41*

*Telf*

1. Għajr jekk previst mod ieħor f'din id-Direttiva, it-telf imġarrab f'sena tat-taxxa minn kontribwent residenti jew stabbiliment permanenti ta' kontribwent mhux residenti jista' jiġi riportat fl-ammont sħiħ tagħha u mnaqqas fis-snin tat-taxxa sussegwenti kif ġej:

   (a) sa ammont ta' EUR 1 miljun, sal-punt li huma koperti minn profitti;

   (b) sa [60] % tal-profitti taxxabbli għas-sena ta' taxxa rispettiva wara t-tnaqqis fil-punt a).

2. Tnaqqis fil-bażi għat-taxxa minħabba telf minn snin tat-taxxa preċedenti ma għandux jirriżulta f'ammont negattiv.

3. It-telf imġarrab minn kontribwent residenti jew minn stabbiliment permanenti ta' kontribwent mhux residenti fis-snin preċedenti ma għandux jitnaqqas meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) entità jew individwu oħrajn jakkwistaw parteċipazzjoni fil-kontribwent li b'riżultat tagħha l-parteċipazzjoni globali tal-akkwirent fil-kontribwent jaqbeż il-50 %;

(b) ikun hemm bidla kbira fl-attività tal-kontribwent, li tfisser li l-kontribwent ma jissoktax b'attività partikolari li kienet tammonta għal aktar minn [60 %] tal-fatturat tiegħu fis-sena tat-taxxa preċedenti jew jagħti bidu għal attivitajiet ġodda li jammontaw għal aktar minn [60 %] tal-fatturat tiegħu fis-sena tat-taxxa tal-introduzzjoni tagħhom jew fis-sena tat-taxxa ta' wara.

4. L-eqdem telf għandu jitnaqqas l-ewwel.

*[Artikolu 42*

*Kumpens u rkupru tat-telf*

1. Kontribwent residenti li jkun għadu profittabbli wara li jkun naqqas it-telf tiegħu stess skont l-Artikolu 41 jista' addizzjonalment inaqqas it-telf imġarrab, fl-istess sena tat-taxxa, mis-sussidjarji kwalifikanti immedjati tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 3(1), jew minn stabbiliment(i) permanenti li jinsab(u) fi Stati Membri oħrajn. Dan il-kumpens tat-telf għandu jingħata għal perijodu ta' żmien limitat f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fejn kontribwent huwa permess jew meħtieġ jaġixxi f'isem grupp kif definit fir-regoli tal-leġislazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru, u fejn l-impriżi li jagħmlu parti minn tali grupp huma kumpanniji li huma residenti f'dan l-Istat Membru u li għalihom japplikaw ir-regoli ta' din id-Direttiva, it-tali grupp jista' jiġi ttrattat bħala sussidjarju kwalifikanti immedjat.

2. Tnaqqis għal telf skont dan l-Artikolu għandu jkun disponibbli biss sakemm dan it-telf ma jkunx tnaqqas, temporanjament jew b'mod ieħor, skont il-leġislazzjoni nazzjonali ta' xi Stat Membru.

3. It-tnaqqis għandu jkun proporzjonali għall-parteċipazzjoni tal-kontribwent residenti fis-sussidjarji kwalifikanti immedjati tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) u għandu jkun sħiħ għall-istabbilimenti permanenti. It-tnaqqis tal-bażi għat-taxxa tal-kontribwent residenti fl-ebda każ ma għandu jirriżulta f'ammont negattiv.

4. Il-kontribwent residenti għandu jżid lura mal-bażi għat-taxxa tiegħu, sal-ammont preċedentement imnaqqas bħala telf, kwalunkwe profitt sussegwenti magħmul mis-sussidjarji kwalifikanti immedjati tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) jew mill-istabbilimenti permanenti tiegħu.

5. It-telf imnaqqas skont il-paragrafi 1, 2 u 3 għandu awtomatikament jiġi rkuprat mill-ġdid fil-bażi għat-taxxa tal-kontribwent residenti fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta, fit-tmiem tal-ħames sena tat-taxxa wara li t-telf ikun sar deduċibbli, ma jkun ġie rkuprat mill-ġdid ebda profitt jew il-profitti rkuprati mill-ġdid ma jkunux jikkorrispondu għall-ammont sħiħ tat-telf imnaqqas;

(b) meta l-kumpannija sussidjarja immedjata li tikkwalifika msemmija fl-Artikolu 3(1) tinbiegħ, tiġi stralċjata, amalgamata jew ittrasformata fi stabbiliment permanenti;

(c) meta l-istabbiliment permanenti jinbiegħ, jiġi stralċjat jew ittrasformat f'kumpannija sussidjarja;

(d) meta l-kumpannija omm ma tibqax tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1).]